# Termini ta' Referenza għall-Kumitat ta' Monitoraġġ tal-Programm Operattiv għall-Fond Ewropew Għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd 2014 - 2020

**Mejju 2015**

Programm Operattiv għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd
2014-2020
Parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS)
Rata ta' Ko-finanzjament: 75% Fondi UE;
25% Fondi Nazzjonali

***Investiment f'sajd u akkwakultura sostenibbli***

**Preambolu**

B'referenza għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 1455 tat-3 ta' Marzu 2015 li tapprova l-Programm Operattiv għal Malta u konformi mal-Artiklu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u għall-FEMS u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Iżvilupp Reġjonali Ewropew, il- Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u għall-FEMS u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 u l-Artikoli 112 u 113 tar-Regolament FEMS (UE) Nru 508/2014, Malta tistabbilixxi Kumitat ta' Monitoraġġ (KM) għall-fini ta' monitoraġġ u valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni u l-infiq effiċjenti tal-fondi taħt il-Programm Operattiv għall-FEMS. Dan huwa ko-finanzjat mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd .

B'konformità mar-Regolament (UE) Nru. 1303/2013 u r-Regolament UE Nru. 240/2014, il-mandat tal-KM u r-regoli ta' proċedura tiegħu huma stabbiliti hawn taħt.

## KONTENUT


Art. 1: Funzjonijiet ........ 4

Art. 2: Dmirijiet tal-Membri ........ 5

Art. 3: President tal-Kumitat ........ 5

Art. 4: Segretarjat ........ 5

Art. 5: Laqgħat ........ 6

Art. 6: Aġenda ........ 6

Art. 7: Proċeduri bil-Miktub ........ 7

Art. 8: Minuti ........ 7

Art. 9: Deċiżjonijiet u Konklużjonijiet ........ 7

Art. 10: Bidliet fir-Regoli ta’ Proċedura ........ 7

Art. 11: Kodiċi ta’ Kondotta ........ 8

Art. 12: Proviżjonijiet Finali ........ 8

Anness 1 ........ 9

# Regoli ta’ Proċedura

## Artiklu Nru. 1: Funzjonijiet

1) L-irwol tal-KM huwa li jassigura ruħu mill-effettività u l-kwalità ta’ l-implimentazzjoni tal-Programm Operattiv, skont l-Artiklu 49 tar-Regolament (UE) 1303/2013 u l-Artiklu 113 tar-Regolament FEMS 508/2014 li jinkludu d-dispożizzjonijiet li ġejjin: il-KM:

a) Għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena u għandu jirrevedi l-implimentazzjoni tal-programm u l-progress li sar bl-iskop li jintlaħqu l-għanijiet tal-programm. Filwaqt li jagħmel dan, il-kumitat għandu jikkonsidra l-informazzjoni finanzjarja, l-indikaturi komuni u speċifiċi għall-programm inklużi t-tibdiliet fil-valur ta' l-indikaturi tar-riżultati u l-progress lejn valuri fil-mira kwantifikati u kif ukoll il-miri definiti fil-*performance framework* imsemmija fl-Artiklu 21 (1), u fejn ikun rilevanti, ir-riżultati ta' analiżi kwalitattiva.

b) Għandu jeżamina l-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw il-prestazzjoni tal-programm, inklużi l-konklużjonijiet tal-*performance review*.

ċ) Għandu jiġi kkonsultat u kif ukoll jagħti opinjoni (jekk jinħass xieraq) dwar kull emenda tal-programm proposta mill-Awtorità ta' Ġestjoni.

d) Għandu jagħmel osservazzjonijiet lill-Awtorità ta' Ġestjoni dwar l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programm inklużi azzjonijiet relatati mat-tnaqqis tal-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji. Il-Kumitat għandu jissorvelja l-azzjonijiet meħuda b’riżultat ta' osservazzjonijiet magħmula minnu.

e) Għandu jiġi kkonsultat u għandu japprova, fi żmien sitt xhur mid-deċiżjoni li tapprova l-programm, il-kriterji ta’ l-għażla għall-operazzjonijiet iffinanzjati; il-kriterji ta' selezzjoni għandhom jiġu riveduti skont il-ħtiġiet ta' programmazzjoni;

f) Għandu jeżamina l-attivitajiet u r-riżultati relatati mal-pjan ta' evalwazzjoni tal-programm;

g) Għandu jeżamina l-azzjonijiet tal-programm relatati ma’ l- *ex-ante conditionalities*;

h) Għandu jeżamina u japprova r-rapporti ta' implimentazzjoni annwali qabel ma jintbagħtu lill-Kummissjoni;

ħ) Għandu jeżamina l-azzjonijiet li jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, l-opportunitajiet indaqs, non-diskriminazzjoni, inkluż l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità. Il-KM m'għandux jkun ikkonsultat dwar il-pjanijiet ta' ħidma għall-ġbir tad-*data* hekk msemmija f'Artiklu 21 (tar-Regolament 508/2014).

**Artiklu Nru.2: Dmirijiet tal-Membri**

(1) Il-membri tal-KM għandhom jevitaw kull kunflitt ta' interess waqt l-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tagħhom kif mniżżel taħt l-Artiklu 1.

(2) Il-membri KM għandom id-dmirijiet li ġejjin:

a. Għandhom jipparteċipaw fil-laqgħat ta' l-KM u kif ukoll fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

b. Kull membru għandu jiżgura li d-dikjarazzjonijiet u/jew rakkomandazzjonijiet li saru fl-interess ta' l-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-Programm Operattiv. Parteċipazzjoni fil-KM ma ghandux ikun ta' gwadann personali għall-parteċipant;

ċ. Għandhom jiġu diskussi biss il-kwistjonijiet relevanti relatati ma' l-implimentazzjoni tal-Programm Operattiv.

(3) Is-sħubija għandha tintemm meta l-persuna maħtura fil-KM isib/issib ruħu/ruħha fis-sitwazzjoni li ġejja:

a. Il-persuna ma baqax aktar iżomm il-kapaċità li taħtu hi/hu inħatar fl-istituzzjoni relevanti. Il-Membri għandhom ikunu responsabbli biex jinformaw lis-segretarjat f'dawn il-każijiet;
b. Il-KM jirrakkomanda li jirtira s-sħubija għal ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Kondotta (Anness 1).

**Artiklu Nru.3: il-President tal-Kumitat**

(1) Il-President għandu jippresjedi l-laqgħat, iservi bħala medjatur u jiżgura li l-kwistjonijiet miġjuba għall-attenzjoni tal-KM jiġu konklużi b'suċċess u f'waqthom;
(2) Il-President jista', f'każijiet debitament ġustifikati, jissospendi d-dibattiti.
(3) Fil-każ li l-President ma jkunx jista' jattendi għall xi laqgħa, hu/hi għandu jiddelega d-dmirijiet tiegħu/tagħha lil membru ta' l-Awtorità ta' Ġestjoni.
(4) Id-deċiżjoni tal-President għandom jiddeterminaw kwalunkwe tilwim fir-rigward ta' l-interpretazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura.

**Artiklu Nru.4: Segretarjat**

(1) Is-Segretarjat tal-KM ser ikun ipprovdut mill-Awtorità ta' Ġestjoni.
(2) Ir-responsabbiltajiet tas-Segretarjat jinkludu:

a. It-tħejjija ta' dokumenti bil-miktub sottomessi għal-laqgħat tal-KM (inkluż id-distribuzzjoni tad-dokumenti lill-membri tal-KM);
b. Affarijiet tekniċi u dawk ta' natura organizzattiva u attivitajiet amministrattivi għal-laqgħat tal-KM;
c. Jittieħdu l-minuti tal-laqgħat;
d. Kull talba għall-informazzjoni mill-membri u mill-osservaturi b'rabta mal-attività KM għandha tiġi ndirizzata lis-Segretarjat, premezz tal-posta elettronika jew bil-mitkub.

### Artiklu Nru.5: Laqgħat

(1) Il-President għandu jlaqqa' l-KM mill-inqas darba fis-sena u l-KM għandu jirrevedi l-implimentazzjoni tal-programm u l-progress li sar lejn t-twettieq ta' l-għanijiet tal-programm. Meta jsir dan, għandom jiġu kkunsidrati dawn il-punti li jmiss: (i) l-informazzjoni finanzjarja, (ii) l-indikaturi komuni u speċifiċi għall-programm (inklużi t-tibdiliet fil-valur ta' l-indikaturi tar-riżultati u l-progress meħtieġa sabiex jintlaħqu l-miri definiti fil-*performance framework* msemmija fl-Artiklu 21 (1) tar-Regolament (UE) 1303/2013), (iii) [fejn rilevanti] ir-riżultati ta' analiżi kwalitattiva.
(2) Il-President jista' jistieden esperti kif jeħtieġ, persuni oħra fil-laqgħat tal-KM (jew partijiet minnhom) biex jagħtu kjarifiki u/jew jagħmlu preżentazzjonijiet fuq kwistjonijiet partikolari relatati ma' l-implimentazzjoni tal-Programm Operattiv.
(3) Is-Segretarjat għandu jsejjaħ il-laqgħat. L-istedina għal-laqgħat għandha tintbagħat mill-inqas għaxar (10) t'ijiem ta' xogħol qabel id-data tal-laqgħa.
(4) Il-laqgħat KM mhumiex pubbliċi.

### Artiklu Nru.6: Agenda

(1) Fuq talba tal-President, is-Segretarjat għandu jfassal l-aġenda tal-laqgħat. Is-Segretarjat jista' jitlob dokumentazzjoni mill-Membri tal-KM.
(2) L-aġenda għandha tintbagħat lill-membri kollha mill-inqas għaxar (10) t'ijiem ta' xogħol qabel id-data tal-laqgħa. Wara ċ-ċirkulazzjoni ta' l-aġenda, il-Membri għandhom jiġu mogħtijja ħames (5) t'ijiem ta' xogħol sabiex jinnotifikaw lis-Segretarjat b'suġġetti ġodda proposti, biex jiġu nklużi taħt il-punt ta' "Suġġetti Oħrajn" fl-aġenda.
(3) Id-dokumentazzjoni marbuta mal-KM għandha tintbagħat lill-Membri kollha mill-inqas għaxar (10) t'ijiem ta' xogħol qabel id-data tal-laqgħa, b'eċċezzjoni għal kwalunkwe dokument li għandu jiġi provdut mill-Membri li għandhom x'jaqsmu ma' xi punti ġodda proposti, biex jiġu inklużi taħt il-punt ta' "Suġġetti Oħrajn" fl-aġenda jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali hekk meqjusa mil-President, għandhom jiġu ċċirkulati mill-inqas ħamest ijiem (5) ta' xogħol qabel id-data tal-laqgħa.
(4) Id-Deċiżjonijiet meħuda mill-KM jistgħu jiġu ppubblikati.

**Artiklu Nru. 7: Proċeduri bil-Miktub**

(1) Bl-approvazzjoni tal-President, oġġetti ta' sustanza li jirrikjedu riżultat qabel il-laqgħa li jmiss tal-KM jistgħu jiġu ppreżentati lill-kumitat għall-adozzjoni permezz ta' proċedura' bil-miktub. Il-Membri għandhom jagħtu l-opinjoni tagħhom bil-miktub fi żmien għaxar (10) t'ijiem ta' xogħol.
(2) Jekk ma jkun tressaq l-ebda kumment, is-Segretarjat jassumi li l-Membri huma favur il-mozzjoni. Deċiżjoni bħal din hija ukoll valida jekk is-Segretarjat jirċievi pożizzjoni favur il-mozzjoni,jekk ikun hemm mill-inqas maġġoranza sempliċi tal-membri kollha tal-Kumitat li jaqblu.
(3) Is-Segretarjat taħt id-direzzjoni tal-President għandu jikkomunika l-eżitu tad-deċiżjoni meħuda lill-Membri permezz ta' proċedura bil-miktub.
(4) Għal skopijiet ta' nformazzjoni s-Segretarju ghandu jinforma lill-membri tal-KM dwar ir-riżultat tad-deċiżjoni meħuda permezz ta' proċedura' bil-miktub fil-KM.

**Artiklu Nru.8: Minuti**

(1) Is-Segretarju għandu jieħu l-minuti ta' kull laqgħa tal-KM. L-abbozz tal-minuti għandu jintbagħat lill-Membri fi żmien ħmistax-il (15) ġurnata ta' xogħol mill-ġurnata tal-laqgħa. Il-Membri għandhom jipprovdu kwalunkwe kummenti jew suġġerimenti lis-Segretarjat dwar l-abbozz tal-minuti kif ċċirkolati, fi żmien għaxar (10) t'ijiem ta' xogħol mid-data taċ-ċirkulazzjoni.
(2) L-abbozz tal-minuti tal-laqgħa flimkien ma' kwalunkwe emenda proposta, għandha titqiegħed fuq l-aġenda għall-laqgħa li jmiss, għall-approvazzjoni formali tal-Kumitat.

**Artiklu Nru.9: Deċiżjonijiet u Konklużjonijiet**

(1) Il-Membri kollha għajr dawk fi rwol ta' osservaturi tal-UE għandhom ikollhom vot. Il-President għandu jkollu vot deċiżiv.
(2) Il-KM għandu jipprova biex kemm jista' jkun jintlaħaq kunsens.
(3) Jekk l-ebda kunsens ma jista' jintlaħaq, il-membri għandhom jitfgħu l-vot tagħhom sabiex tintlaħaq deċiżjoni. F'każijiet bħal dawn, deċiżjoni hija adottata b'maġġoranza sempliċi ta' dawk il-Membri preżenti li jkollhom id-dritt tal-vot, sakemm mill-inqas 50% tal-Membri kollha tal-kumitat bi dritt tal-vot huma preżenti għall-votazzjoni.

**Artiklu Nru.10: Bidliet fir-Regoli ta' Proċedura**

(1) Skont il-prinċipji stabbiliti fil-*performance framework*, il-Regolament tal-FEMS u l-Programm Operattiv, il-kumitat jista', fi kwalunkwe ħin, jemenda dawn ir-Regoli ta' Proċedura skont l-Artikolu 9 ta' dawn l-istess regoli, wara li tkun ikkonsultata l-Awtorità ta' Ġestjoni.

**Artiklu Nru.11: Kodiċi ta’ Kondotta**

(1) Il-membri tal-KM u l-osservaturi għandhom jiggwidaw l-attivitajiet tagħhom f'konformità mal-prinċipji tal-Kodiċi ta' Kondotta (Anness 1) li huwa parti integrali minn dawn ir-Regoli.

**Artiklu Nru.12: Proviżjonijiet Finali**

(1) Dawn id-dispożizzjonijiet jidħlu fis-seħħ wara l-approvazzjoni tagħhom mill-kumitat.

# Anness 1

## Kumitat ta' Monitoraġġ – Kodiċi ta' Kondotta

Il-membri tal-KM għandhom jirrispettaw u jimxu mar-regoli ta' kondotta li ġejjin:

1. Għandhom jaġixxu fl-interess ta' l-implimentazzjoni tal-Programm Operattiv FEMS, skont l-għanijiet u l-objettivi stabbiliti;

2. Għandhom jieħu d-deċiżjonijiet fl-interess pubbliku u m'għandhomx jaġixxu b'għan ta' gwadann finanzjarju jew benefiċċji oħra personali jew għal persuni oħra;

3. Għandu jinnotifika lill-President qabel ma tibda l-laqgħa, bi kwalunkwe kunflitt ta' interess li huma jistgħu jsibu ruħhom fiha abbinat ma' suġġett partikolari li jkun qed jiġi diskuss. F'dan il-każ, il-membru jew l-osservatur m'għandux jipparteċipa fil-laqgħa;

4. Fl-aħħar tal-laqgħa, huma għandhom jinfurmaw lill-awtorità pubblika, istituzzjoni jew korp li jirrappreżentaw, dwar is-suġġetti ewlenin diskussi u dwar id-deċiżjonijiet meħuda;

5. Għandhom iżommu l-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni. Tixrid ta' informazzjoni kunfidenzjali jista' jaffettwa l-interess leġittimu ta' kull istituzzjoni, organizzazzjoni jew persuni. L-informazzjoni li tintuża b'mod privileġġjat tista' toħloq vantaġġi mhux leġittimi. Id-dokumenti kunfidenzjali għandhom ikunu mmarkati;

6. Għandhom jirrispettaw id-deċiżjonijiet adottati mill-KM taħt il-kondizzjonijiet tar-Regoli ta' Organizzazzjoni u Operazzjoni tiegħu.